MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Numru 695/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**vs.**

**Joseph Francis Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Francis Scerri ta' hamsin (50) sena, bin il-mejjet John u Anne nee' Serpina, imwieled l-Pieta' nhar it-23 ta' Marzu 1962 u residenti No. 4, Madonna ta' Pinu, Triq il-Kanonku Karm Pirotta, B'Kara, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 214062(M) li gie akkuzat talli fix-xahar ta' Mejju 2012, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-kumpanija Fexserv Financial Services;

2. Bi hsara ta’ haddiehor u cioé tal-kumpanija Fexserv Financial Services ghamel qliegh iehor b’qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioé cekk tal-Bank of Valletta p.l.c., li jappartjeni lil Calamatta Cuschieri Investments Advisors and Stockbrokers, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. Fl-istess perjodu u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess atti, kitba jew skrittura falza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li waqt is-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2012, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet id-dikjarazzjonijiet tal-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2012 fejn irrinunzjat ghat-talba rigward il-konfiska tal-oggetti esebiti.
Semghet id-dikjarazzjonijiet tal-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2012 fejn iddikjarat li ma kienux gew imqabbda l-ebda esperti jew periti f’dawn il-proceduri.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-ammont relattiv ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ l-imputat jammonta ghal sebat’elef, mitejn u wiehed Euro u erbgha u sittin centezmu (€ 7,201.64), liema ammont gie konfermat minn David Borg Hedley, General Manager tal-FexServ Financial Services.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nfilitta il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi: fosthom in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija u kif ukoll, b’mod partikolari, il-fatt li f’kaz li l-imputat jinghata piena ta’ prigunerija effettiva ma jkunx f’pozizzjoni li jhallas l-ammont dovut lis-socjeta’ FexServ Financial Services u ghaldaqstant ikun ghaqli li l-imputat jinghata sentenza li permezz taghha jkun jista’ fi zmien qasir ihallas lura dak li huwa dovut u fin-nuqqas jiskonta piena ta’ prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Arikoli 18, 183, 184, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’

Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' snin u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lis-socjeta' FexServ Financial Services is-somma ta' sebat'elef, mitejn u wiehed Euro u erbgha u sittin centezmu (€ 7,201.64)

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien erba' snin jew jekk ma jhallasx l-ammont ta' € 7,201.64 fiz-zmien lilu moghti.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tigi ordnata l-konfiska tal-oggetti esebiti u dana stante rinunzja ghal din it-talba da parte tal-istess Prosekuzzjoni.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------